MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 150/2013

**Dr. Deborah Schembri**
**vs**
**Kummissjoni Elettorali**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors mahluf u pprezentat tar-rikorrenti tat-18 ta' Frar, 2013 li jaqra hekk:

*1. "Illi 1-esponenti hija kandidata ghail-Elezzjonijiet Generali li ghandhom jinzammu fid-9 ta' Marzu 2013.*

*2. Illi 1-esponenti kienet mizzewga lil Joseph Tabone, u kienet iggib 1-isem Deborah Schembri Tabone.*

*3. Illi b'sentenza moghtija fid-9 ta' Lulju 2010, li ghaddiet in gudikat, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ordnat is-separazzjoni bejn 1-esponenti u 1-imsemmi Joseph Tabone, u li 1-esponenti tkun maghrufa b'kunjom xbubitha biss, cioe Schembri.*

*4. Illi inoltre, b'digriet tal-istess Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tas-6 ta' Gunju 2012, iz-zwieg bejn 1-esponenti u Joseph Tabone gie dikjarat xjolt.*

*5. Illi minkejja li ghalhekk illum isem l-esponenti legalment huwa 'Deborah Schembri', hija ghadha tidher registrata fir-Registru Elettorali bhaia 'Deborah Schembri Tabone'.*

*6. Illi fit-30 ta' Jannar 2013, il-Kummissjoni intimata laqghet l-applikazzjoni tal-esponenti bhala kandidata ghall-Elezzjonijiet Generali fuq il-hdax u t-tnax id-distrett, u wkoll li isimha fuq il-polza tal-votazzjoni jigi indikat bhala 'Schembri Deborah (tad-divorzju)'.*

*7. Illi minkejja dan, il-Kummissjoni intimata iddecidiet li tnizzel isem 1- esponenti fuq il-polza tal-votazzjoni bhala 'SCHEMBRI TABONE (Deborah Schembri Tabone, Tad-Divorzju)' u wara oggezzjoni mill-esponenti, fl-14 ta' Frar 2013, il-Kummissjoni intimata informatha li kienet hadet decizjoni finali li isem 1- esponenti ma jidhirx kif talbet fil-formula tan-nomina, imma 'SCHEMBRI TABONE (Deborah Schembri, Tad-Divorzju)'.*

*8. Illi din id-decizjoni hija ta' pregudizzju ghall-esponenti billi hija maghrufa mal-pubbliku, u mal-kostitwenti taghha, bhala 'Deborah Schembri, Tad-Divorzju'.*

*9. Illi skond 1-artikolu 49(3) tal-<u>Att dwar 1-Elezzionijiet Generali</u> (**Kap. 354 tal-Ligijiet ta' Malta**), il-polza tal-votazzjoni ta' kull distrett ghandu "jkun fiha lista tal-kandidati deskritti bi-isem (inkluz kull laqam), l-indirizz u 1-professjoni jew ix-xoghol kif moghtija fil-polza tan-nomina ta' kull wiehed minnhom u kif approvat mill-Kummissjoni Elettorali."*

*10. Illi ghalhekk m'hemm 1-ebda raguni legali ghaliex 1-esponenti m'ghandhiex tigi indikata bl-isem korrett taghha fil-polza tal-votazzjoni kif ga indikat minnha, u accettat mill-Kummissjoni intimata, fil-formola tan-nomina.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u dawk kollha li jistghu jirrizultaw fil-kors tas-smigh ta' din il-kawza, prevja kull dikjarazzjoni obra li tista' tirrizulta mehtiega, 1-esponenti titlob bir-rispett ii din il-Qorti joghgobha tordna lill-Kummissjoni intimata sabiex tnizzel isem l-esponenti bhala 'SCHEMBRI (Deborah Schembri, Tad-Divorzju)' fuq il-polza tal-votazzjoni ghall-Elezzjonijiet Generali tad-9 ta' Marzu 2013, u konsegwentement tindika isimha bhala 'Deborah Schembri' fuq kull dokument, ritratt jew letteratura ta' informazzjoni mahruga mill-isetss Kummisjoni intimata.*

*B1-ispejjez kontra 1-kummissjoni intimata li hija ngunta ghas-subizzjoni."*

Rat li l-intimat kien notifikat bir-rikors u bl-avviz tas-smiegh;

Rat ir-risposta tal-Kummissjoni Elettorali tat-18 ta' Frar 2013 li taqra hekk:

*"In-nullita tar-rikors stante Ii ma giex precedut b' ittra ufficjali kif trid il-ligi u ma jidhirx mid-dokumenti notifikati Ii ntalbet l-urgenza;*

*Illi il-Kummissjoni Elettorali adottat il-prassi sancita mil-ligi fir-rigward tal-kandidati kollha Ii jaghzlu Ii jikkontestaw l-elezzjoni generali Ii 1-isem tal-kandidat jidher precizament kif jinsab registrat fir-registru elettorali imbghad huwa permess ghall-kandidat Ii jzied dak l-isem u dak il-laqam b' liema huwa maghruf u ghallhekk il-kwistjoni fil-presenti procedura mhux 1-isem tal-kandidat imma bl-isem dak il-kandidat kif jinsab registrat fir-registru elettorali ghaliex dak 1-isem jikkrea vinkolu b' liema ordni jrid jitnizzel fil-polza tal-votazzjoni u dan huwa mehtieg anke biex jigi determinat sewwa f' liema ordni 1-kandidati ghandhom jidhru fuq dik il-polza.*

*Jigi rilevat Ii l-attrici kellha kull opportunita Ii tikkorreggi l-mod kif isimha jidher fir-registru elettorali bil-mezzi moghtija lilha mill-ligi; setghet informat lil-Kummissjoni bil-bdil tal-isem taghha qabel il-publikazzjoni tar-registru elettorali u setghet anke taghmel appell fit-termini Ii taghtiha il-ligi wara il-publikazzjoni tal-istess registru biex isimha jigi korrett biex jirrifletti Ii stat attwali taghha; jekk hija naqset Ii taghmel dan huwa biss tort taghha u dwar dan il-Kummissjoni ma ghandha 1-ebda htija; imma il-fatt Ii l-attrici naqset milli taghmel dan issa jwassal Ii -attrici ma tistax tippretendi Ii isimha jidher fuq il-polza tal-votazzjoni b' mod differenti minn dak imnizzel tir-registru. Il-ligi taghti lill-attrici il-fakulta Ii b' zieda mal-isem kif imnizzel fir-registru elettorali l-attrici tista tindika l-mod kit inhija maghrufa jew il-laqam taghha biex hija tkun facilment identifikata mill-elettorat taghha, imma dan huwa dejjem b' zieda mal-isem kif jidher fir-registru elettorali u mhux b' sostituzzjoni tal-mod kif dak 1-isem jidher fir-registru elettorali.*

*Dwar il-fatti kif elenkati mill-attrici 1-esponent xtaq jirrileva is-segwenti:*

*1. Il-fatti f' l-ewwel paragrafu tar-rikors huma vera, u cioe Ii l-attrici hija kandidata f' l-elezzjoni generali;*

*2. Il-fatti fit-tieni paragrafu tar-rikors huma vera, u cioe Ii l-attrici kienet iggib 1-isem Deborah Schembri Tabone, tant hu hekk hija hekk registrata u isimha hekk jidher fl-ahhar registru elettorali ta' Jannar 2013;*

*3. Il-fatti fit-tielet paragrafu tar-rikors ma'humiex maghrufa mill-konvenut u dwar dawn jirrimetti ruhu ghall-provi dokumentali;*

*4. Il-fatti fir-raba paragrafu tar-rikors ma'humiex maghrufa mill-konvenut u dwar dawn jirrimetti ruhu ghall-provi dokumentali;*

*5. Il-fatti fil-hames paragrafu tar-rikors huma vera, u cioe simha, l-attrici, jidher fir-registru bhala Deborah*

*Schembri Tabone; dwar 1-isem legali tal-attrici jirrimetti ruhu ghall-provi dokumentali;*

*6. Il-fatti fis-sitt paragrafu tar-rikors huma kontestati fis-sens li ghalkemm huwa minnhu li l-Kummissjoni laqghet n-nomina tal-attrici bhala kandidata l-Kummissjoni ma approvatx li fuq il-polza isem il-kandidata jidher bhala Schembri Deborah (tad-divorzju) ghallkemm huwa minnhu li fin-nomina l-attrici hekk talbet li isimha jigi indikat f' 1-istess polza;*

*7. Il-fatti fis-seba paragrafu mhux kontestati;*

*8. Il-fatti fit-tmien paragrafu tar-rikors huma kontestati billi d-decizjoni mehuda mill-Kummissjoni hija skond il-ligi u skond il-prassi kostanti u biex l-attrici tigi identifikata mill-publiku ippermettiet il-Kummissjoni li l-kliem li riedet l-attrici jitnizzel b' zieda wara isimha;*

*9. Il-fatti fid-disa paragrafu tar-rikors mhux kontestati;*

*10. Il-fatti fil-ghaxar paragrafu huma kontestati billi l-attrici bhala kandidata hija marbuta li titnizzel b 1-isem li jidher taghha fir-registru elettorali u mhux b' isem iehor.*

*Illi finalment il-Kummissjoni tattira bir-rispett l-attenzjoni ta' din -Qorti dwar l-urgenza ta' din il-materja billi l-poloz ma jkunux jistghu jigu stampati qabel decizjoni definitiva u ghallhekk titlob li titiehed decizjoni b' l-akbar urgenza possibilment f' 1-istess gurnata tas-smiegh tal-kawza ghallliema din il-kawza tinsab appuntata. Dwar eventwali sentenza minn issa jintalbu l-akkorcjament tat-termini legali."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti;

Rat illi l-Kummisssjoni Elettorali irtirat l-ewwel eccezzjoni taghha fis-seduta tal-20 ta' Frar 2013;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tal-20 ta' Frar 2013;

Ikkonsidrat:

L-attrici permezz tar-rikors odjern qieghda titlob lil-Prim' Awla tal-Qorti Civili, tordna lill-Kummissjoni Elettorali, tnizzel isem tal-attrici bhala "**Schembri (Deborah Schembri, tad-Divorzju)"** fuq il-polza tal-votazzjoni ghall-Elezzjonijiet Generali tad-9 ta' Marzu 2013, u f'kull dokument iehor mahrug mill-istess Kummissjoni.

Mill-provi prodotti jirrizulta , u dawn huma fatti inkontestati miz-zewg partijiet, illi fir-Registru Elettorali ta'Jannar 2013, isem l-attrici jidher bhala "**Schembri Tabone Deborah**"- vide Dok. A a fol 19.

L-isem "**Deborah Schembri Tabone**" jidher fl-ewwel parti tal-formola tan-nomina bhala kandidat – vide Dok.B a fol 20 u 21.

L-attrici fix-xhieda taghha tikkonferma illi hija isseparat minn ma zewgha u giet awtorizzata mill-Qrati Maltin tirriprendi kunjom xbubitha – vide sentenza **per Imhallef Dr. Joseph Azzopardi** tad-**9 ta' Lulju 2010,** ezebita in atti permezz ta' nota fl-20 ta' Frar 2013. Di piu permezz tas-sentenza tas-**6 ta' Gunju 2012 per Imhallef Dr. Noel Camilleri,** ezebita fl-istess nota indikata, l-Qrati Maltin ippronunzjaw **divorzju** bejn l-attrici u zewgha. Kontenuta f'din l-ahhar sentenza , hemm ordni li ir-Registratur tal-Qrati jinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex id-divorzju ikun registrat fir-Registru Pubbliku.

Fix-xhieda taghha l-attrici tammetti illi hija ma ghamlet ebda talba jew procedura quddiem il-Kummissjoni Elettorali ghall-korrezzjoni ta' kunjoma , skond il-proceduri u fit-terminu sancit fil-Kap. 354 tal-Ligijiet ta' Malta.

Hija xhedet illi meta ndunat bil-manjiera kif kunjomha gie indikat fid-*draft* tal-polza tal-votazzjoni hija ghamlet oggezzjoni lill-Kummissarju Elettorali, liema Kummissjoni,

fl-14 ta’ Frar 2013, hadet decizjoni finali u informatha li isem l-attrici kien ser jigi indikat bhala “SCHEMBRI TABONE (Deborah Schembri, tad-Divorzju)”.

Infatti il-Kummissjoni Elettorali, kif jidher minn DOK. DS1 u DS2 kien gia akkorda li fil-partili tidher in parentesi l-attrici tigi deskritta “Deborah Schembri tad-Divorzju”, u dana wara l-oggezzjonijiet taghha.

Minn din id-decizjoni finali l-attrici ma interpolatx appell llill-Qorti tal-Appell Civili.

Illi **fil-15 ta’ Frar 2013**, l-attrici **biddlet l-*identity card*** taghha sabiex kunjoma minflok ”Schembri Tabone” jaqra “Schembri”.

L-attrici sostniet : “*Illi skond 1-artikolu 49(3) tal-<u>Att dwar 1-Elezzionijiet Generali</u> (Kap. 354 tal-Ligijiet ta’ Malta), il-polza tal-votazzjoni ta’ kull distrett ghandu “jkun fiha lista tal-kandidati deskritti bi-isem (inkluz kull laqam), l-indirizz u 1-professjoni jew ix-xoghol kif moghtija fil-polza tan-nomina ta’ kull wiehed minnhom u kif approvat mill-Kummissjoni Elettorali.” ”*

Minn naha l-ohra il-Kummissjoni Elettorali irriteniet illi hija ndikat il-kunjom tal-attrici “precizament kif jinstab registrat fir-Registru Elettorali”; li l-attrici kellha kulll opportunita’ li tikkoregi kunjomha fir-Registru Elettorali qabel il-pubblikazzjoni tar-Registru Elettorali u li taghmel appell fit-terminu tal-ligi anke wara tali pubblikazzjoni.

Il-Kummissjoni irriteniet illi l-indikazzjonijiet u l-partikolaritajiet indikati taht Artikolu 49(3) tal-Kap. 354, huma bhala zieda, izda mhux in sostituzzjoni ta’ kif l-isem u l-kunjom jidher fir-Registru Elettrorali.

Ikkonsidrat:

Ma hemm ebda xrara ta’ dubbju illi kunjom l-attrici **legalment huwa Schembri** , u mhux Schembri Tabone. Dan l-istat ta’ fatt imur lura ghad-**9 Lulju tal-2010** meta giet awtorizzata mill-Qrati Maltin tirriprendi kunjom

xbubitha. L-attrici pero, naqset illi tiehu dawk il-passi necessarji sabiex isiru il-korrezzjonijiet mehtiega fir-Registru Elettorali.

Korrezzjonijiet fir-Registru Elettorali, huma sanciti permezz tal-Artikolu 23 tal-Kap.354 li jipprovdi :

***“ Kull min ismu jidher bħala elettur u li jkun jeħtieġ li ssir korrezzjoni fl-isem jew indirizz tiegħu jew f’partikolaritajiet oħra jew li jkollu ismu trasferit f’indirizz jew f’distrett elettorali ieħor jista’ japplika lill-Kummissjoni Elettorali fil-formula li tinsab fit- Tielet, Raba’ jew Ħames Skeda li tinsab ma’ dan l-Att, skont il-każ: Iżda dik il-korrezzjoni jew trasferiment jistgħu jsiru mill- Kummissjoni sew jekk tkun saret dik l-applikazzjoni sew jekk le, sew bl-inizjattiva tal-Kummissjoni nnifisha jew wara l - applikazzjoni minn kull elettur reġistrat ieħor, hawnhekk iżjed ’il quddiem imsejjaħ l-applikant, jekk il-Kummissjoni tkun sodisfatta li dik il-korrezzjoni jew dak it-trasferiment ikun ġustifikat u sakemm hija l-ewwel tavża bid-deċiżjoni tagħha bil-miktub lill persuna konċernata u lill-applikant, jekk ikun hemm, u kull wieħed minnhom ikollu d-dritt ta’ appell lill-Uffiċjal Reviżur.”***

Illi di piu kandidat jista’ jirregistra oppozizzjoni lill Kummissjoni Elettorali dwar, fost affarijiet ohra, “id-deskrizzjoni tal-kandidat” fin-nomina tieghu - vide Artikolu 51(3) tal-Kap.354, u hemm dritt ta’ appell lill-Qorti tal-Appell fi zmien erbgha u ghoxrin (24) siegha mill-ghoti tad-decizjoni mill-Kummissjoni – vide 51(9) tal-Kap. 354.

L-attrici ma invokatx dan id-dritt ta’ Appell taghha.

Minkejja in-nuqqas ta’ procedura ta’ korrezzjoni fir-Registru Elettorali u minkejja in-nuqqas ta’ appell taht l-Artikolu 51(9) tal-Kap.354, huwa sancit lil din il-Qorti taht l-Artikolu 49(3) tal-Kap.354, **tisostitwixxi kunjom** l-attrici fuq il-polza tal-votazzjoni u kull fejn tigi indikata l-attrici mill-Kummissjoni Elettorali? Fi kliem iehor, tista’ din il-Qorti f’dan l-istadju tardiv u tramite l-Artikolu 49(3) takkorda bdil fuq polza ta’ votazzjoni u konsegwentement

u neccessarjament bdil fir-Registru Elettorali u fin-nomina tal-kandidat, minkejja li iddekadew it-termini moghtija mill-ligi permezz tal-Artikolu 49(3) tal-Kap. 354?

Skond l-Artikolu 49(3) tal-Kap.354 :

***“ Il-polza ta’ kull elettur għandha tkun magħmula minn karta bħal fil-formula li tidher fit-Tmien Skeda li tinsab ma’ dan l-Att, li jkun fiha lista tal-kandidati deskritti bl-isem (inkluż kull laqam), lindirizz u l-professjoni jew ix-xogħol kif mogħtija fil-polza tannomina t a ’ k u l l w ie ħed m innhom u k i f a pp r ova t m i ll - Kummissjonarji Elettorali.”***

It-tmien skeda turi **il-kunjom tal-kanditat kif indikat fir-Registru Elettorali**, segwit imbghad bl-isem tal-kanditat, b’laqmijiet u partikolarjiet ohra, - u cioe dawk l-ismijiet kontenuti fil-parentesi li jikkontjenu deskrizzjoni ta’ kif kandidat hu maghruf mal-Elettorat.

Din il-Qorti hi tal-fehma illi il-ligi taht il-Kap. 354 ma takkordax dan il-poter wisq anqas ma takkorda il-kompetenza lil din il-Qorti li taghmel dan.

Ghal dak illi jirrigwarda kompetenza tal-Qorti Civili Prim’Awla, ghandu jinghad illi  kull votant jista’ japplika ghal korrezzjoni fir-Registru Elettorali lill Kummissjoni Elettorali taht l-Artikolu 23 Kap. 354, jirrikorri ukoll quddiem l-Ufficjal Revizur (Magistrat) bi dritt ta’Appell quddiem il-Qorti tal-Appell. Kandidat, wara opposizzjoni registrata quddiem il-Kummissjoni Elettorali, ghandu dritt ta’ Appell quddiem il-Qorti tal-Appell Civili – (vide Artikoli 51(3) u  51(9) tal-Kap.354)  dwar materji konessi man-nomina tieghu u il-kontenut  jew deskrizzjoni tal-kandidat f’dik in-nomina.

**Il-Qorti Civili Prim’ Awla ghalhekk m’hijiex il-Qorti moghnija bil-kompetenza biex tiddeciedi dwar il-korezzjonijiet mitluba.**

Di piu, kif gie ritenut fis-sentenza tal-**Qorti tal-Appell Civili** tas-**7 ta’ Jannar 1994**,fl-ismijiet  **Dr.Austin Gatt et**

**noe et. vs Il-Kummissjonarju Principali Elettorali pro et noe et** fejn il-Qorti giet mitluba tikkoregi zball manifest u grossolan **fejn votanti fi triq shiha ma gewx indikati fir-Registru Elettorali** , **bil-konsegwenza li tilfu id-dritt tal-vot taghhom**, l-istess Qorti **cahdet** dik it-talba u kellha dan xi tghid :

***"Din il-Qorti jidrilha li fl-ewwel lok ghandu jigi osservat, u anki enfasizzat, illi il-<u>principju direttiv</u> ta' ligi bhal din, li tirregola il-process elettorali fi stat demokratiku, huwa il-valur tac-<u>certezza</u>. Il-ligi in ezami, jidher car mid-diversi dispozizzjonijiet taghha li il-ligi trid <u>fuq kollox</u> tassikura certezza fid-drittijiet tal-vot u tal-votanti , f'certa <u>data prestabbilita</u>, b'mod illi il-posizzjoni <u>formali</u> li tigi kristillizzata u rregistrata f'dik id-data ttiehed bhala realta'legali billi <u>hawn</u>, si tratta ukoll minn drittijiet politici pplasmati mill-ligi. Dan ifisser illi huwa possibli li ma jkunx hemm konkordanza perfetta bejn il-fatt u d-dritt, u r-Registru Elettorali fid-data tal-gheluq definittiv qabel elezzjoni ikun jikkontjeni informazzjoni li ma tkunx taqbel mal-verita' tal-fatti. Il-principju direttiv li ghazlet il-ligi qieghed fil-valur tac-certezza li hawnhekk hija ppreferita ghal valur tal-<u>verita'</u> u dan li jistabilixxi l-ahhar registru elettroali qabel elezzjoni fid-data tal-chiusura stabbilita tant irid ikun cert illi ghandu biss sens skond il-massima guridika "juris et de jure pro veritate habetur" jissodisfa il-valur tal-verita'...***
***...Fl-ahharnett ghandu jigi osservat illi l-possibilita' ta' skorettizzi u zbalji fir-Registri Elettorali li jikkomprendu eluf ta' eluf ta' ismijiet, kunjomijiet u dettalji ohra, huwa tant gholi, li biex tigi assikurata ic-certezza necessarja, u eventwalment is-serjeta' ta' kull manisestazzjoni elettorali illi il-ligi ghandha <u>ragjonevolment</u> tillimita il-mekkanizmu korrettiv tal-istess dettalji ghaliex altrimenti tkun qed tippermetti ezercizzju li jispicca biex jipperikola serjament il-principju direttiv imsemmi u johloq arja ta' suspetti u kongetturi li jimminaw il-finalita ' tal-process elettiv u l-perjodu limitat ta' poteri li dak il-process jikkonferixxi;***

***Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li t-tezi tal-Kummissjoni Elettorlai ghandha tipprevali – b'dan il-korrettiv – illi fil-kaz prezenti l-izball li ittiehed kien tant grossolan illi kieku l-istess gie b'xi mod a konoxxenza taghha , u dan fit-termini utili , l-istess kummissjoni elettorali kellha id-dover ,... li taghmel sewwa dak li hija stess tirrikonoxxi bhala palezament imghawweg"***

Din il-Qorti tifhem u taghder mal-attrici ; taf kemm hu difficli ghal mara professjonista biex taghti is-sehem shih taghha lit-tfal , lil familja u lil professjoni taghha; dan aktar u aktar meta, ma dan kollu, hija trid tiddedika lilha nnfisha ghall-esigenzi ta'hajja fil-politika.

Il-Qorti pero ma tisghax taghti dak illi dak il-ligi ma tipermettix u tqis illi il-ligi la taghti il-poter, wisq anqas id-diskrezzjoni, sabiex din il-Qorti takkorda il-korrezzjonijiet u tibdiliet mitluba.

Ghal dawn il-mottivi u bi riluttanza, il-Qorti tichad it-talba attrici u fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz tordna li l-ispejjez odjerni jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Di piu, il-Qorti tordna minn issa, l-akkorciment tat-termini legali ghall-Appell – kull parti jkollha saghtejn zmien mill-pronunzja ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------